# X’tagħmel biex il-vot tiegħek jgħodd

Fil-jum tal-elezzjoni, inti ser tirċievi żewġ karti tal-vot: waħda **ħadra** għall-Kamra tar-Rappreżentanti u waħda **bajda** għas-Senat.

## Il-Kamra tar-Rappreżentanti

Fil-**karta tal-vot il-ħadra**, inti trid tpoġġi ‘1’ fil-kaxxa ħdejn il-kandidat li huwa l-ewwel għażla tiegħek, ‘2’ fil-kaxxa ħdejn it-tieni għażla tiegħek u tkompli hekk, sakemm tkun innumerajt kull kaxxa.

Trid tinnumera **kull kaxxa** biex il-vot tiegħek ikun jgħodd.




Kampjun ta’ karta tal-vot

## Is-Senat

Fil-**karta tal-vot il-bajda**, tista’ tagħżel li tivvota jew fuq il-linja jew taħt il-linja.




**JEW** **Fuq il-linja**

Jekk tivvota fuq il-linja, trid tinnumera **mill-anqas 6 kaxex** mill-1 sas-6.

Poġġi ‘1’ fil-kaxxa għall-partit jew grupp li huwa l-ewwel għażla tiegħek, ‘2’ fil-kaxxa tal-partit jew grupp li huwa t-tieni għażla tiegħek u kompli hekk sakemm tkun innumerajt mill-anqas sitt kaxex. Tista’ tkompli tpoġġi numri fuq il-linja f’kemm kaxex trid.




Kampjun ta’ karti tal-vot

**JEW** **Taħt il-linja**

Jekk tivvota taħt il-linja, trid tinnumera **mill-anqas 12-il kaxxa** minn 1 sa 12.

Poġġi ‘1’ fil-kaxxa ħdejn il-kandidat li huwa l-ewwel għażla tiegħek, ‘2’ fil-kaxxa tat-tieni għażla tiegħek u kompli hekk sakemm tkun innumerajt mill-anqas 12-il kaxxa. Tista’ tkompli tpoġġi numri taħt il-linja f’kemm kaxex trid.

**Tinkwetax jekk tieħu żball.**
Tista’ titlob karta tal-vot oħra u terġa’ tibda mill-ġdid.



Authorised by the Electoral Commissioner, Canberra – Awtorizzat mill-Kummissarju Elettorali, Canberra